**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 203/2021 RM**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Vella (K. I. Numru 0353874M), kif ukoll Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) fil-kwalita' tagħha ta' aġent tal-istess soċjeta' Mapfre Middlesea p.l.c. u l-istess Joseph Vella, skont il-liġi u skond il-polza**

**-Vs-**

1. **Rita Vella u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2024 l-atti tal-kawża ġew ordnati jgħaddu fil-persuna tal-konvenuta Janica Mariestel Borg bħala l-werrieta ta' ommha l-istess Rita Vella, biex tissokta l-kawża minflokha**
2. **Janica Mariestel Borg**
3. **Carmelo Borg**

**Illum, 19 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru fid-19 ta' Lulju 2021 mill-atturi li talbu:-

1) li l-konvenuti Rita Vella, Janica Mariestel Borg u Carmelo Borg jiġu dikjarati responsabbli *in solidum*, jew min minnhom, għad-danni kollha sofferti mill-atturi sew bħala danni emerġenti kif ukoll bħala telf ta'

profit, ossia *lucrum cessans*, bħala konsegwenza ta' serq li sar minnhom jew min minnhom, mill-proprjeta' tal-attur Joseph Vella u ċioe' mill-fond Armier Shooting Range fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa, f'diversi ġranet bejn il-25 ta' Novembru 2017 u l-24 ta' Diċembru 2018;

2) jiġu likwidati d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' għaxart'elef u ħames mitt Euro (€10,500), jew somma verjuri, illi tista' tiġi likwidata minn dina l-Qorti, rappresentanti d-danni minnkom, jew min minnkom, ikkawżati fil-fond hawn fuq imsemmi;

3) li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment jew xort'oħra kif tara l-istess qorti, iħallsu lill-atturi s-somma ta' għaxart' elef u ħames mitt Euro (€10,500), jew somma verjuri, illi tista' tiġi likwidata minn dina l-Qorti, rappresentanti d-danni minnkom ikkawżati fil-fond hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju 2020 numru 1535/20 notifikata lilkom, u bl-imgħax dekors skont il-liġi fuq l-imsemmija somma ta' €10,500, mid-data tan-notifika ta' dana l-atti sad-data tal-ħlas effettiv.

Rat ir-risposta ta' Rita Vella (ID 0542648M), Janica Mariestel Borg (0463085M) u Carmelo Borg (0363673M) ippreżentata fid-29 ta' Settembru 2021, fejn jesponu bir-rispett;

*"it-talbiet tar-rikorrenti Mapfre Middlesea plc u Laferla Insurance agency huma infondati fil-fatt u fi dritt u dan stante li l-propjeta maghrufa bhalha Little Armier Shooting Range fl-inhawi tal-ahrax tal-Mellieha hi kollha kemm hi propjeta tal-intimati u dan ghaliex din l-istess propjeta kienet mikrija bi qbiela mill-Gvern lil Rita Vella u lid-defunt Victor Vella;*

*illi d-defunt Victor Vella miet intestat u ghaldaqstant, Rita Vella hi intotolata bil-ligi ghal tlett kwarti tal-propjeta waqt il-kwart l-iehor ghandu jinqasam bejn l-ahwa Janica Mariestal Borg u Joseph Vella u dan kif jidher il-causa mortis hawn anness u mmarkat 'DOK A';*

*Illi skont l-Artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

> *"Kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, basta –*
>
> *(a) li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;*
>
> *(b) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom";*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespsot l-Prim' Awla tal-Qorti Civil nhar fid-disgha (9) t'Ottubru, 2003 qalet li "skont il-gurisprudenza komproprjetarju jista jibqa fid-dgawdija esklussiva tal-haga in komun, almenu sal-qasma, jekk hu jkun fid-dgawdija esklussiva tal-oggett minn qabel ma tinholoq il-komproprjeta. F'dan il-kaz, il-konvenut ma kellux il-pussess esklussiva sakemm mietu l-genituri tieghu, u dan il-pussess esklussiva hu hatfa unilaterlament u kontra r-rieda tal-komproprjetarji l-ohra";*

*Illi Joseph Vella sar kompropretarju mal-mewt ta' Victor Vella u ma kienx juza l-fond qabel ghal ebda negozju;*

*Illi Rita Vella u Janica Mariestel Borg kemm id-darba urew li ma jridux li jsir negozju fuq il-fond sabiex dan jintuza bhalha shooting range;*

*illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-telf li qed jallega li tilef ir-rikorrenti huwa fittizji u dan ghaliex qatt ma kien hemm ftehim sabiex Joseph Vella juza l-fond u nfatti l-istess propjeta ma hijiex toppera;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghajr minn hekk wiehed ma jistax jitlob ghal danni li garrab li fil-verita ma sehhewx;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, oltre minn hekk, ir-rikorrenti naqas milli juri kif gew ikkalkulati s-somma ta' ghaxart elef u hames mitt euro (€10,500) u ghaldaqstant qed jigu pregudikati f'din l-umli risposta u dan ghaliex ma jistawx jirribattu d-danni li qed jigu kkundannati;*

*illi ghaldaqstant, kif diga inqaghad f'din l-umli risposta, minhabba l-fatt li ma kien hemm ebda ftehim bejn Rita Vella, Janica Mariestel Bord u Joseph Borg sabiex il-fond jintuza bhalha shooting range u b'hekk l-esponenti ma ghandhomx jigu kkundannati sabiex ihallsu d-danni fl-ammont ta' ghaxar elef u hames mitt euro (€10,500);*

*salv eccezzjonijiet ulterjuri li ser jigu trattati fil-mori tal-kawza;*

*Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-imghax kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunti in subizzjoni"*

Rat illi fil-mori tal-proċeduri ġiet nieqsa l-konvenuta Rita Vella u li permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2024, l-atti tal-kawża ġew ordnati jgħaddu fil-persuna tal-konvenuta Janica Mariestel Borg bħala l-werrieta ta' ommha l-istess Rita Vella, biex tissokta l-kawża minflokha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali għall-allegat serq mill-konvenuti ta' diversi oġġetti mobbli mill-ambjenti tal-*Armier Shooting Range* ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa, fil-perijodu bejn il-25 ta' Novembru 2017 u l-24 ta' Diċembru 2018. Mapfre Middlesea p.l.c., u jew l-aġent tagħha Laferla Insurance Agency Limited, indennizzaw lill-attur Joseph Vella, l-assigurat taħt polza ta' assigurazzjoni bin-numru P87000764, billi ħallsuh is-somma ta' €10,500 rappreżentanti l-valur tat-telf imġarrab minnu b'konsegwenza tal-allegat serq tal-mobbli assigurati, u dan għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tiegħu fir-rigward tat-telf tal-imsemmija mobbli. Kontestwalment mal-ħlas lill-assigurat li sar fit-30 ta' April 2020 (Dok. 10), is-soċjeta' Laferla Insurance Agency Limited għan-nom ta' Mapfre Middlesea p.l.c. ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat u bis-saħħa ta' din is-surroga, l-assikuraturi qegħdin jaġixxu b'rivalsa fil-konfront tal-konvenuti, ossia l-persuni li - fil-fehma tal-atturi - kienu responsabbli għas-serq tal-mobbli assigurati, għall-irkupru tal-ammont rappreżentanti d-danni mħallsin lill-assigurat taħt il-polza tal-assigurazzjoni.

Il-konvenuti jikkontendu, in essenza, illi l-oġġetti li kienu jinsabu fl-*Armier Shooting Range*, kienu nxtraw kollha matul iż-żwieġ bejn Rita Vella u Victor Vella u b'hekk, bil-mewt intestat ta' Victor Vella, huma saru komproprjetarji flimkien mal-attur Joseph Vella ta' dawn l-imsemmija mobbli u kellhom jedd għall-użu tal-mobbli in komun skont l-interess tal-komunjoni. Il-konvenut Carmelo Borg da parti tiegħu jisħaq li huwa għen lil martu u lill-kunjata biex ineħħu l-grilja u l-kompressur minn fuq il-post bil-barka tal-istess Rita Vella.

L-atturi li ressqu 'l quddiem id-diversi talbiet fir-Rikors promotur tal-azzjoni, huma tlieta: is-soċjeta' tal-assikurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c, l-aġent tagħha Laferla Insurance Agency Limited, u l-assigurat Joseph Vella.

Qabel xejn il-Qorti tibda biex tosserva illi s-soċjeta' Laferla Insurance Agency Limited ma għandhiex *locus standi* f'din l-azzjoni. Minn eżami tal-'*Form of Acceptance and Discharge*' esebit minn Kristian Abela (Dok. 10) jirriżulta illi Laferla Insurance Agency Limited hija awtorizzata taġixxi bħala aġent lokali tal-mandant tagħha is-soċjeta' tal-assigurazzjoni, Mapfre Middlesea p.l.c. Huwa fatt magħruf li Mapfre Middlesea p.l.c. hija soċjeta' inkorporata taħt il-liġijiet ta' Malta u reġistrata mal-Malta Business Registry bin-numru C-5553 bl-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa Middlesea House, Floriana.

Skont l-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili:-

"*... il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ...*"

Filwaqt illi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 786 tal-Kap. 12 m'humiex rilevanti għall-fattispeċje tal-kawża odjerna, huwa indiskuss illi s-soċjeta' Mapfre Middlesea p.l.c. bħala l-prinċipal tas-soċjeta' Laferla Insurance Agency Limited, m'hijiex nieqsa ossia assenti minn Malta. Billi ma jirriżultax lanqas mill-provi proċesswali illi Laferla Insurance Agency Limited qiegħda taġixxi f'din l-azzjoni taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni - f'liema każ setgħet tiftaħ kawża f'isem il-mandant sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat irrispettivament minn din id-dispożizzjoni legali - jikkonsegwi neċessarjament illi l-azzjoni odjerna ma setgħetx tiġi promossa mill-aġent iżda biss mill-prinċipal ossia l-mandant innifsu, Mapfre Middlesea p.l.c.

Għaldaqstant, qiegħda tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju safejn l-azzjoni u t-talbiet fir-Rikors saru minn Laferla Insurance Agency Limited.

Ikkunsidrat;

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-fond ossia *shooting range* bl-isem *Armier Shooting Range* kien mikri mill-Awtorita' tal-Artijiet lill-konvenuta Rita Vella u lil żewġha Victor Vella, li jiġu omm u missier l-attur Joseph Vella u l-konvenuta Janica Borg. Victor Vella miet intestat f'Awwissu 2016 u wirtuh martu l-konvenuta Rita Vella in kwantu għal nofs indiviż, u wliedu l-konvenuta Janica Borg u l-attur Joseph Vella in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor bejniethom[1]. Minn dan jikkonsegwi li l-attur Joseph Vella u l-konvenuti Janica Borg u Rita Vella kienu, fiż-żmien tal-allegat serq tal-oġġetti mill-fond, komproprjetarji tal-ħwejjeġ mobbli kollha fil-fond li kienu jappartjenu lill-predeċessur tagħhom fit-titolu. Dan mhux kontestat[2].

Minn eżami tal-provi mressqa mill-atturi – mhux kontestati - jirriżulta illi fit-8 ta' Jannar 2014, Laferla Insurance Agency Limited bħala aġent ta' Mapfre Middlesea p.l.c. daħlet f'kuntratt għall-assigurazzjoni tal-bini, makkinkarju u kontenut kollu tal-fond li dak iż-żmien kien qed jiġi operat taħt l-isem *Armier Shooting Range* u kif ukoll għall-assigurazzjoni tar-riskji ta' terzi persuni fir-rigward tal-operat tar-*Range*. L-assigurat taħt il-polza kien l-attur Joseph Vella. Dan ġie affermat ukoll minn Raymond Mallia li kien mela l-*proposal form* oriġinali fuq struzzjonijiet ta' Victor Vella, li kien talab espressament li l-assigurat taħt il-polza jkun ibnu Joseph Vella.

Filwaqt illi hemm qbil li r-*Range* kien oriġinarjament operat minn Victor Vella u jirriżulta illi f'xi żmien il-liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-Att dwar l-Armi għall-operazzjoni tal-istess *Range* għall-kategorija Target Shooter B – Clay Pigeon[3], ġiet trasferita f'isem l-attur Joseph Vella[4]. Jirriżulta wkoll illi qabel il-mewt ta' Victor Vella, kemm l-attur Joseph Vella kif ukoll il-konvenuti kellhom aċċess għar-Range iżda wara l-mewt tiegħu il-konvenuta Rita Vella, li ġiet rikonoxxuta formalment mill-Awtorita' tal-Artijiet bħala l-

---

[1] Ara kuntratt ta' trasferiment causa mortis, Dok. A annessa mar-Risposta tal-konvenuti.
[2] Ara xhieda ta' Joseph Vella in kontro-ezami tat-13 ta' Mejju 2024.
[3] Ara Dok. JV1, Dok. JV2 u Dok. JV3.
[4] Mill-atti proċesswali jidher li l-liċenza f'isem l-attur Joseph Vella, maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, tmur lura għas-sena 2018.

uniku kerrej tar-raba' fejn jinsab sitwat ix-shooting *range*[5], ma qablitx li din l-art agrikola tibqa' tintuża għal skopijiet kummerċjali. Fil-fatt, minn dak iż-żmien 'l hawn, l-art ma baqgħetx tiġi operata bħala *shooting range*. Minkejja dan, il-liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-Att dwar l-Armi baqa' jiġi mġedded f'isem l-attur Joseph Vella anke wara l-mewt ta' missiseru għaliex baqa' jħallas il-miżata annwali għat-tiġdid tal-liċenza. Minħabba f'hekk inqala' d-diżgwid bejn l-attur Joseph Vella fuq naħa waħda, u ommu u oħtu fuq in-naħa l-oħra u għal xi żmien, l-attur Joseph Vella kien ġie mċaħħad mill-aċċess tiegħu għar-*Range*.

Il-Qorti fehmet ukoll illi qabel it-23 ta' Diċembru 2018 u kwindi wkoll fiż-żmien meta skont l-attur Joseph Vella, insterqu l-mobbli minn ġewwa r-*Range*, bħala fatt l-istess attur la kien qed jopera u lanqas kellu aċċess għall-istrutturi tar-*Range* ħlief għall-bar ossia kċina. Fil-15 ta' Frar 2018 u fis-27 ta' Frar 2018 Joseph Vella irrapporta kien skopra li kien hemm neqsin xi utensili tal-kċina, tazzi u *automatic switch board* minn ġewwa l-bar tar-*Range*, u sostna li dawn l-oġġetti kienu ttieħdu bejn il-25 ta' Novembru 2017 u s-27 ta' Frar 2018[6]. L-attur ingħata lura l-pussess materjali tal-ambjenti l-oħra tar-*Range* biss fit-23 ta' Diċembru 2018 wara li ommu, il-konvenuta Rita Vella, ġiet ikkundannata b'sentenza tat-18 ta' Diċembru 2018[7] biex tikkonsenjalu kopja ta' kull ċavetta li tagħti aċċess għall-ambjenti kollha tar-*Range*, inkluż għall-kamra minn fejn sussegwentement, fl-24 ta' Diċembru 2018, huwa rrapporta li kienu insterqu l-magni tal-plattini[8], il-kompressur tal-arja, il-grilja u l-fryer, speakers u xi għodda u tagħmir tal-kċina[9].

Mhux kontestat illi l-attur Joseph Vella għamel *claim* ma' Laferla Insurance Agency Limited biex jiġi indennizzat għat-telf tad-diversi oġġetti mobbli li sabhom neqsin minn ġewwa l-kmamar tar-*Range*, u mill-provi u x-xhieda jirriżulta illi dan il-*claim* sar in kwantu għall-ħwejjeġ mobbli elenkati f'Dok.

---

[5] Rikonoxximent tal-14 ta' Awwissu 2017.
[6] Ċioe' qabel kien ingħata aċċess għall-ambjenti l-oħra tar-*range* minn fejn ġew neqsin l-oġġetti li għamel rapport dwarhom fl-24 ta' Diċembru 2018.
[7] Dok. JV5 sentenza: **Il-Pulizija v. Rita Vella**. Ġie dikjarat għan-nom tal-konvenuti li mhux meħtieġ li tiġi esebita kopja legali tas-sentenza Dok. JV5.
[8] Clay Pigeon Shooting Machinery.
[9] Ara Dok. JV4: l-attur kellu biss aċċess għall-bar tar-range għaliex kellu ċ-ċavetta tal-bieb ta' barra tal-bar u ċ-ċwievet tal-kamra tas-sodda u l-kċina tar-range.

1[10]. Joseph Vella, kiseb *quotations* mingħand diversi suppliers bejn Jannar 2019 u Settembru 2019 biex jissostanzja l-valur tal-oġġetti li ddikjara li kien sabhom neqsin mir-*Range*, iżda t-talba tiegħu biex jiġi indennizzat fis-somma totali ta' kważi €17,000[11] ma ġiex aċċettata mill-assikuraturi. Eventwalment, l-assigurat aċċetta li jiġi indennizzat taħt il-polza tal-assigurazzjoni fis-somma ta' €10,500, liema somma ġie mħallas lilu minn Laferla Insurance Agency Limited fit-30 ta' April 2020.

Mhux kontestat, u fi kwalsiasi każ huwa ippruvat sodisfaċjentement, illi l-oġġetti li allegatament insterqu mill-konvenuti, kienu ġew akkwistati minn Victor Vella u martu l-konvenuta Rita Vella matul iż-żwieġ tagħhom[12] u ma ġie mressaq ebda prova fl-atti proċesswali li tegħleb il-preżunzjoni stabbilita mill-artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili illi kien japplika għaż-żwieġ bejn Victor Vella u Rita Vella, ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Korollari għal dan il-fatt li Rita Vella kellha, fiż-żmien tal-allegat serq, diġa' sehem ta' nofs indiviż tal-oġġetti allegatament misruqa mill-fond, u akkwistat kwart ieħor indiviż rappreżentanti nofs is-sehem tal-mejjet żewġha fil-komunjoni tal-akkwisti, li jfisser illi dak iż-żmien kienet komproprjetarja ta' sehem ta' tliet kwarti indiviżi tal-ħwejjeġ mobbli mertu tal-kawża, filwaqt li bejniethom l-attur Joseph Vella u oħtu l-konvenuta Janica Borg kellhom sehem ta' wieħed minn tmienja kull wieħed. Ma jirriżultax illi kienet saret diviżjoni formali tal-assi ereditarji ta' Victor Vella, inkluż il-ħwejjeġ mobbli mertu tal-kawża, bejn l-eredi.

Il-konvenuti jaqblu illi kienu huma li kienu neħħew l-oġġetti in diżamina minn ġewwa x-shooting *range* u filwaqt li Rita Vella stqarret ukoll li kienet biegħet uħud minn dawn l-oġġetti lil terzi[13], jikkontendu li l-oġġetti l-oħrajn kienu tneħħew biss temporanjament biex jagħmlu użu minnhom u kienu reġgħu tpoġġew lura fejn kienu ġewwa r-*Range* f'Mejju 2022, fatt ikkonfermat ukoll mill-attur Joseph Vella.

---

[10] Anness mal-Affidavit ta' Kristian Abela.
[11] Ara Dok. 1.
[12] Ara xhieda tal-konvenuti kif ukoll kontro-eżami ta' Joseph Vella, 13 ta' Mejju 2024.
[13] Il-konvenuti Janica Borg u Carmelo Borg ikkonfermaw fix-xhieda li kienu ħadu grilja u kompressur minn ġewwa x-shooting range, filwaqt il-konvenuta Rita Vella stqarret li hija kienet ħadet fryer u ammont ta' cutlery, kif ukoll il-magni u l-microphones tax-shooting range u kienet biegħet il-magni u l-microphones lil terzi.

Huwa stabbilit illi ħadd mill-konvenuti ma kiseb il-kunsens tal-attur Joseph Vella preventivament għat-tneħħija tal-oġġetti minn ġewwa r-*Range* u l-konvenuti jaqblu li ma kienux għarrfuh lanqas bl-intenzjoni tagħhom li jieħdu l-pussess tal-oġġetti jew jiddisponi minnhom. Jirriżulta illi dak iż-żmien ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet diġa' waħda diffiċli u kien hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront ta' Rita Vella wara li kienet innegat lil binha l-attur Joseph Vella, aċċess għall-ambjenti tar-*Range*.

Huwa wkoll stabbilit mill-provi u mix-xhieda ta' Kristian Abela, li għan-nom ta' Laferla Insurance Agency Limited kien ipproċessa l-*claim* li għamel l-assigurat Joseph Vella, illi l-istess soċjeta' attriċi kienet konsapevoli illi l-awturi tal-allegat serq kienu omm u oħt l-assigurat tagħha Joseph Vella u dan qabel ħallsitu s-somma ta' €10,500 biex tindennizzah tat-telf tal-oġġetti assigurati.[14]

Ikkunsidrat;

Kif inhu risaput, il-kuntratt ta' assigurazzjoni hija manifestazzjoni *par excellence* ta' kuntratt bilaterali u aleatorju, kif maħsub fl-artikolu 964 tal-Kodiċi Ċivili: bis-saħħa tal-polza, jiġi radikat relazzjoni kuntrattwali bejn l-assigurat u l-assiguratur li jintrabtu reċiprokalment in bażi tal-prinċipju tal-*uberrimae fidei,* in kwantu l-assiguratur: li meta javvera ruħu xi wieħed jew iktar mir-riskji assigurati taħt il-polza, jindenniza lill-assigurat is-somma miftiehma għal dak it-telf jew inkella d-danni sofferti, u in kwantu għall-assigurat: li jħallas il-korrispettiv miftiehem (il-*premium*) u josserva l-kundizzjonijiet pattwiti.

Huwa minnu illi l-polza tal-assigurazzjoni li nħarġet fl-interess tal-assigurat l-attur Joseph Vella ma ġietx prodotta kopja tagħha fl-atti proċesswali iżda l-eżistenza ta' din il-polza u l-validita' tagħha huwa stabbilit mix-xhieda ġuramentata ta' Kristian Abela kif ukoll Raymond Mallia u din ix-xhieda ma

[14] Ara Dok. 10, Form of Acceptance and Discharge (paġna 59 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, Raymond Mallia, it-Tied Insurance Intermediary ma' Laferla Insurance Agency Limited, xehed illi kien midħla tar-*range* fiż-żmien meta dan kien jiġi operat minn Victor Vella u li kien l-istess Victor Vella li kien avviċinah biex jixtri koperatura assikurattiva inter alia għall-ambjenti u l-kontenut tar-*range*.

ġietx kuntrastata b'mod effettiv jew bi provi kuntrarji. Fuq kollox il-fatt illi l-assiguratur ħallas lil Joseph Vella bħala l-assigurat fuq il-polza u dan skont kif jirriżulta mid-dokument Dok. 10. M'hemmx għalfejn jingħad illi ebda assiguratur mhu ser iħallas lil xi ħadd li m'huwiex l-assigurat taħt il-polza tal-assigurazzjoni u dan kollu magħdud, il-Qorti hija sodisfatta illi l-attur Joseph Vella kien l-assigurat taħt il-polza tal-assigurazzjoni li nħarġet minn Laferla Insurance Agency għan-nom ta' Mapfre Middlesea p.l.c.

Illi f'dan il-każ, l-assiguratur, Mapfre Middlesea p.l.c. qed jaġixxi b'rivalsa fil-konfront tal-persuni li ġew indikati mill-assigurat tagħha bħala responsabbli għall-event dannuż li allegatament ikkaġuna t-telf tal-ħwejjeġ assigurati u minħabba fih skatta l-obbligu ta' indennizz taħt il-polza tal-assigurazzjoni. Dan qed jagħmlu bis-saħħa tas-surroga li saret bid-dokument '*Form of Acceptanace and Discharge*' data 30 ta' April 2020. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kunċett tal-indennizz illi tifforma bażi integrali tal-kuntratt tal-assigurazzjoni u f'każ li l-event dannuż iseħħ u jsir il-ħlas tal-indennizz mill-assiguratur abbażi tal-polza, id-dottrina tas-surroga tiżgura li l-assigurat ma jkunx jista' jieħu ħlas doppju tad-danni tiegħu għall-istess fatt, ċioe' wieħed mingħand l-assiguratur u l-ieħor minghand id-danneġġjant[15]. Dan ifisser illi hekk kif l-assigurat jiġi indennizzat mill-assiguratur abbażi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni, huwa jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawżat id-dannu u dan peress illi hekk kif isir il-pagament tal-indennizz, is-surroga sseħħ *ipso iure*, abbażi tal-artikolu 1166(ċ) tal-Kodiċi Ċivili u d-drittijiet kollha tal-assigurat, inkluż il-jedd tiegħu għall-azzjoni, jgħaddu a favur tal-assiguratur.

Hawnhekk irid jingħad illi huwa stabbilit mill-provi u f'kull każ m'huwiex kontestat, illi l-attur Joseph Vella ġie effettivament indennizzat taħt il-*claim* C87-158761 magħmul taħt il-polza tal-assigurazzjoni mertu tal-kawża, u dan billi irċieva mingħand l-assiguratur tiegħu il-ħlas fis-somma ta' €10,500 a saldu ta' kull pretensjoni marbuta mal-event dannuż konsistenti fl-allegat serq tal-oġġetti elenkati fil-'*Form of Acceptance and Discharge*'. Tant hu hekk illi l-istess assiguraturi ġew surrogati fid-drittijiet kollha tiegħu u rimedji kollha spettanti lilu in konnessjoni mal-istess telf u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-

---

[15] Ara: **Hugh Zammit noe v. Joseph Spiteri** - PA 05/10/1993; **Edgar Galea noe v. John Tanti** - PA 16/12/1991.

prinċipji legali in materja, kif appena enunċjat, jikkonsewi li huwa tilef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuni li kkaġunaw it-telf jew dannu u, fil-fehma tal-Qorti, l-interess ġuridiku meħtieġ biex isostni l-azzjoni għall-ħlas tad-danni.

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Saviour sive Salvu Zahra et. v. Charles Cassar**, ċitat mis-sentenza fl-ismijiet **Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Diċembru 1984 fejn intqal:-

*""In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol. XXXVII P II p 608) u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII P I p 507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX P I p 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX P I p 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuz jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII P I p 108; Vol. XXXVII P I p 57; Vol. XXXVII P II p 608). Biex wieħed jipproponi domanda f' ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXVIII P II p 317)."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **It-Tabib Charles Delicata et vs Alfred Borg** tat-28 ta' Frar 2017, spjegat li:

"*it-talba ta' l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` l-jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.*

...

*Ikun hemm interess guridiku jekk il-kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat.*"

Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali u l-insenjament in materja, il-Qorti tqis illi l-attur Joseph Vella, li evidentement, mhu sejjer jikseb ebda riżultat vantaġġjuz b'xi deċiżjoni pożittiva għall-atturi f'din il-kawża ma għandux l-interess ġuridiku neċessarju fl-azzjoni għall-ħlas tal-istess somma li rċieva in linea ta' indennizz mingħand l-assiguraturi tiegħu.

Għalkemm huwa minnu li l-konvenuti ma laqgħux għall-azzjoni bl-eċċezzjoni tal-karenza tal-interess ġuridiku tal-attur Joseph Vella, kif inhu risaput, din l-eċċezzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku li bħala tali hija sollevabbli mill-qorti *ex officio* u tista' titqajjem ukoll fi kwalunkwe stadju tal-kawża.

Illi f'sentenza oħra mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Kevin Chircop vs. Joseph Chircop** fit-28 ta' Jannar 2004, ġie ritenut illi:

"*Il-karenza tal-interess fl-attur ġie sollevat mill-Qorti marte proprio billi ħasset li din kienet kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-ġudikant hu obbligat li jirrileva ex officio. Dan in omaġġ għall-prinċipju superjuri anke għall-interess tal-partijiet, illi l-ġustizzja mhux sempliċiment tiġi amministrata, iżda anki li din tkun qed tiġi amministrata sew u skont il-liġi. Il-prinċipju tal-interess ġuridiku, dirett, leġittimu u attwali f'kull min jipproponi azzjoni, irid jiġi allura skupolożament imħares bis-solennità proċedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju.*"

Magħdud dan kollu, għandu jingħad illi ma ntwera bl-ebda mod illi Joseph Vella sofra xi telf ulterjuri b'żieda mat-telf li diġa' ġie indennizzat dwaru u ma jirriżultax lanqas li huwa ħallas xi spejjeż lill-assiguratur sabiex jirreġistra l-*claim* in diżamina jew sabiex dan il-*claim* jiġi proċessat. Kemm hu hekk, it-

talba fir-Rikors hija għall-ħlas ta' danni li ġew preventivament kwantifikati fis-somma ta' €10,500, ċioe' s-somma mħallsa lill-attur Joseph Vella a saldu tal-pretensjonijiet kollha tiegħu taħt il-polza tal-assigurazzjoni in konnessjoni mal-allegat serq tal-oġġetti li ġie indennizzat il-valur tagħhom. L-istess attur lanqas mhu qed jitlob fir-Rikors il-ħlas ta' xi ammont separat b'żieda mas-somma ta' €10,500 imħallas lilu mill-assiguratur u fi kwalsiasi każ, ma ressaq ebda provi fir-rigward tant illi f'ebda waqt fix-xhieda tiegħu ma sostna illi qed jippretendi mingħand il-konvenuti il-ħlas ta' xi somma addizzjonali b'żieda mas-somma li diġa' rċieva mingħand l-assiguraturi tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi dejjem in tema ta' surroga, fis-sentenza **Untours Insurance Agents Ltd vs Salvatore Zarb**, il-Qorti tal-Appell (Inf.) qalet:-

"*... (2) Minn dan jitnissel, in tema ta' assigurazzjoni kontra d-danni, illi s-surroga ta' assiguratur fid-drittijiet ta' l-assigurat iggib successjoni partikolari fil-kreditu bit-trasferiment lill-assiguratur tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti ex-delicto kontra min ikkagonalu d-dannu. B'konsegwenza, l-assigurazzjoni hija leġittimata tagixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terz kolpevoli;*

*(3) Dan ifisser illi bis-surroga l-assigurazzjoni takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument tas-surroga. Ghaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad- danneggjant;*

*(4)* ***Naturalment, l-awtur tal-fatt illecitu, imsejjah fil-gudizzju mill-assigurazzjoni tad-danneggjat li tkun qed tagixxi bil-fatt tas-surroga, jista' jopponi lill-assigurazzjoni l-eccezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront ta' l-assigurat-danneggjat***". (enfasi ta' din il-Qorti)

Dan kollu magħdud ifisser illi l-assiguratur surrogat jissubentra fl-identika pożizzjoni - sostantiva u proċedurali - tad-danneġġjat di fronte għad-

danneġġjant. Korollari għal dan hu l-fatt illi d-danneġġjant, bħala l-awtur tal-fatt illeċitu, imsejjaħ fil-ġudizzju mill-assiguratur tad-danneġġjat li jkun qed jaġixxi b'surroga għar-rimbors tad-danni mħallsa taħt il-kuntratt tal-assigurazzjoni, jista' jopponi lill-assiguratur l-eċċezzjonijiet kollha li kienu jkunu opponibbli fil-konfront tal-assigurat-danneġġjat.

Għalhekk fil-każ in diżamina, il-konvenuti setgħu leġittimament jilqgħu għall-azzjoni bl-eċċezzjoni li huma ma kienx serqu l-oġġetti assigurati għaliex kienu komproprjetarji tal-istess oġġetti u kienu nqdew bl-oġġetti biex jużawhom skont id-destinazzjoni tagħhom, u konsegwentement, ebda ammont ma kien dovut in linea ta' riżarċiment għas-serq tal-oġġetti.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan, il-Qorti sejra tibda biex titratta l-kontenzjoni tal-konvenuti illi ma jistgħux jiġu kundannati jħallsu xi danni għaliex ma seħħ ebda telf konsistenti f'serq, u l-assigurat ma sofra ebda danni.

Tibda biex tosserva li tirravviża nuqqas sinjifikanti ta' diliġenża u ċċerzjorjar kif imiss da parti tal-assiguratur fil-proċessar tal-*claim* in diżamina, u fid-deċiżjoni li jindennizza lill-assigurat għas-serq tal-mobbli rapportati misruqa. Tqis illi l-assiguratur, qabel għadda biex jindenniza lill-assigurat, kellu qabel xejn jassigura illi tassew il-mobbli li l-assigurat iddikjara li kienu misruqa, ġew effettivament misruqa u li kien avvera ruħu r-riskju ta' "*serq*" li jidher li kien assigurat taħt il-polza[16].

Il-provi juru illi s-soċjeta' assiguratriċi, li jirriżulta li kienet fil-pussess ta' kopja tar-rapporti li saru lill-Pulizija mill-assigurat tagħha[17], kienet konsapevoli li l-membri tal-familja tal-assigurat tagħha kienu fil-pussess taċ-ċwievet tar-*range* u b'hekk kellhom aċċess għall-oġġetti li ġew rapportati nieqsa, u kienet mgħarrfa wkoll bis-suspett tal-assigurat tagħhom Joseph Vella li setgħu kienu l-istess

[16] Ara Dok. 10 – *Form of Acceptance and Discharge*.
[17] Kopja ta' dawn ir-rapporti ġew esebiti minn Kristian Abela (Dok. 8 u Dok. 9).

membri tal-familja tiegħu li ħadu l-oġġetti li ma nstabux fir-*range*. Fuq kollox, meta ġiet biex tindennizza lill-assigurat tagħha għat-telf tal-oġġetti, bil-ħlas tas-somma ta' €10,500, kienet taf ukoll li kien hemm kawża pendenti quddiem il-qrati in konnessjoni mal-allegat nuqqas ta' dawn l-istess oġġetti minn ġewwa r-*Range*. Dan jinsab stipolat espressament fil-*Form of Acceptance and Discharge* (Dok. 10): "*Cause of Loss: Theft by mother Rita Vella, sister Janica Borg and sister's husband Carmelo Borg – Court proceedings are ongoing.*[18]". Dan ifisser illi r-riferenza għal proċeduri ġudizzjarji pendenti ma setgħetx kienet ħlief għall-proċeduri kriminali li ġew determinati fl-10 ta' Mejju 2022[19], fejn il-konvenuta Rita Vella ġiet liberata mill-akkuza li spussessat illegalment lil Joseph Vella minn diversi mobbli li kienu jinsabu fir-*Range*.

Huwa minnu li meta xehed in kontro-eżami, Kristian Abela saħaq li meta Laferla Insurance Agency Limited ħallset lill-assigurat tagħha Joseph Vella fit-30 ta' April 2020 għall-allegat serq tal-mobbli, il-kumpannija ma kienetx mgħarrfa bil-kawża li kien hemm pendenti fil-konfront tal-konvenuta Rita Vella fejn ġiet mixlija li ħadet il-liġi f'idejha meta spussessat lil Joseph Vella minn għadd ta' oġġetti li kienu jinsabu fir-*Range*, fosthom l-oġġetti li dwarhom sar il-*claim* taħt il-polza. Kristian Abela xehed: "*Meta ħarġu l-flus lanqas biss konna għadna nafu bih dan il-każ ..., u mbagħad meta bdejna nfittxu .... sirna nafu li kien hemm dan il-każ għaddej u* ***mbagħad bdejna niddiskutu miegħu biex naraw kif ħa nirkupraw l-ammont li ħallasna***."[20] Iżda din ix-xhieda m'hijiex konsistenti mad-dikjarazzjoni li saret fil-'*Form of Acceptance and Discharge*', iktar u iktar meta dak iż-żmien, fit-30 ta' April 2020, il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenuta Rita Vella in konnessjoni mar-rifjut tagħha li tagħti lil binha Joseph Vella aċċess għar-*range*, kienu diġa' determinati.

Kif taraha l-Qorti, din ix-xhieda ta' Kristian Abela jikxef xejra ta' inċertezza dwar id-deċiżjoni dwar l-indennizz tal-assigurat taħt il-polza. Hija l-fehma tagħha wkoll li l-assiguratur f'dan il-każ ma mexiex b'kawtela u prudenza fid-dawl ta' dak li kien ġie mistqarr mill-assigurat Joseph Vella fir-rapporti li għamel lill-Pulizija in konnessjoni man-nuqqas tal-oġġetti assigurati, liema rapporti, kif rajna, kienu diġa' f'idejn l-assiguratur meta ġie biex jipproċessa l-

---

[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Ara sentenza Dok. F, paġna 149 *et sequitur* tal-atti tal-kompilazzjoni: **Il-Pulizija v. Rita Vella**.
[20] Enfasi tal-Qorti.

*claim*. Dan qed jingħad għaliex ġie mistqarr espressament minn Joseph Vella fir-rapporti msemmija, illi l-oġġetti li nstabu nieqsa mix-shooting *range* liċenzjat f'ismu, **kellhom aċċess għalihom ommu Rita Vella, kif ukoll oħtu Janica Borg u żewġha Carmelo Borg u fuq kollox, li dawn l-oġġetti x'aktarx kienu ħaduhom dawn il-membri tal-familja tiegħu, mingħajr il-permess tiegħu.** L-assiguratur jidher illi naqas ukoll milli jindaga mal-assigurat dwar ir-raġuni l-għala l-konvenuti odjerni, il-membri tal-familja immedjata tiegħu, kellhom fil-pussess tagħhom iċ-ċwievet tar-*range* u aċċess għall-oġġetti li ġew neqsin minn posthom.

Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, din ir-riċerka bażika tirrientra fil-parametri ta' miżuri raġjonevoli li kellhom jittieħdu mill-assiguratur biex jiġi stabbilit li tassew kien ġie mġarrab telf u fl-affermattiv, li r-riżarċiment taħt il-polza ikun jirrifletti d-danni rejalment subiti mill-assigurat. Kieku l-assiguratur addotta dawn il-miżuri bażiċi kien bla dubju jintebaħ illi l-membri tal-familja tal-assigurat, jew xi ħadd minnhom, tassew kellhom jeddijiet fuq l-oġġetti assigurati u fuq l-ambjenti tar-*Range* u li konsegwentement, ma kien hemm ebda telf tal-oġġetti assigurati, wisq inqas minħabba serq, u ma setax, għalhekk, raġjonevolment iqis l-oġġetti bħala misruqa għall-finijiet tal-polza.

Illi in linea ġenerali, huwa prinċipju tad-dritt fil-kamp tar-riżarċiment tad-danni li d-danneġġjat għandu kemm jista' jkun jigi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien fih u kien ikollu kieku ma ġietx ikkaġunata l-ħsara jew it-telf[21]. Id-danneġġjat għandu l-jedd li jiġi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga' jitqiegħed raġjonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-ħsara u dan permezz ta' riżarċiment – li ġeneralment hu rikonoxxut li għandu jikkonsisti f'somma li raġjonevolment twassal għall-valur tal-utilitajiet mitlufa – li jirreintegra l-patrimonju tad-danneġġjat minn kull telf ekonomiku li jġib miegħu l-event dannuż[22].

Illi huwa wkoll prinċipju tad-dritt aċċettat fil-kamp tar-riżarċiment tad-danni li d-danneġġjat huwa marbut jadotta dawk il-miżuri kollha raġjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab u d-danni li jkun bi ħsiebu jirreklama mingħand

[21] Ara fir-rigward, **Tufigno vs Micallef noe**, Qorti tal-Appell, 23 ta' April 1965
[22] Vide fost oħrajn, **Zammit vs Calleja** – Appell Inferjuri – 12 ta` Jannar 1977

terzi. Jekk jirriżulta li ma jkunx ha dawk il-miżuri, allura dak in-nuqqas tad-danneġġjat għandu jirriżolvi ruħu fi tnaqqis tal-*quantum* tad-danni. Huwa wkoll prinċipju tad-dritt li għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli sabiex inaqqas il-ħsara u t-telf li jkun ġarrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitgħabba b`piżijiet sabiex jirriduċi l-ħsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu raġjonevoli li jsir mid-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara, hi waħda ta' fatt li għandha tiġi mistħarrġa fl-isfond taċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward jaqa' fuq il-konvenut.

Issa fil-każ in diżamina, l-assiguratur isostni li kien marbut kuntrattwalment bil-kuntratt tal-assigurazzjoni favur l-assigurat Joseph Vella, li jirriżarċih għad-danni li ġarrab b'riżultat tas-serq tal-oġġetti assikurati. Iżda billi evidentement, l-assiguratur kien jaf li bis-surroga fid-drittijiet tal-assigurat, kien sejjer jaġixxi b'rivalsa kontra d-danneġġjant, il-Qorti tqis illi kien doveruż fuqu li għar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tal-assigurat bl-indennizz taħt il-polza, jieħu dawk il-miżuri raġjonevoli biex jivverifika li r-riskju jkun tabilħaqq immaterjalizza u fl-affermattiv, jiżgura li l-valur tar-riżarċiment ikun jirrispekkja l-valur tat-telf reali. Dan qed jingħad għaliex kif diġa' ġie stabbilit, id-danneġġjant li jiġi konfrontat b'azzjoni ta' rivalsa tal-kreditur surrogat fil-jeddijiet tad-danneġġjat jista' jqajjem kwalsiasi eċċezzjonijiet li seta' leġittimament iressaq biex jilqa' kontra l-azzjoni għar-riżarċiment kieku din ġiet imressqa mid-danneġġat innifsu.

Kif ingħad diġa', il-Qorti hija sajma mill-polza tal-assigurazzjoni li kienet tipprovdi kopertura assigurattiva lil Joseph Vella kontra t-telf tal-mobbli sitwati fl-*Armier Shooting Range* u għalhekk, ma tistax tkun taf x'kienu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-indennizz f'każ li l-kawża tat-telf ikun serq, iżda dak li hu żgur hu li l-assiguratur qatt ma seta' raġjonevolment iqis il-kawża tat-telf fil-każ in diżamina bħala serq kif del resto għamel fil-każ in diżamina. **Fi kwalsiasi każ, in-nuqqas tal-produzzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni bħala prova fl-atti proċesswali għandu jbatiha l-assiguratur li mexxa 'l quddiem din il-kawża għar-rivalsa mingħajr ma ġieb il-prova reġina li kien skatta l-obbligu tiegħu taħt il-polza li jindennizza lill-assigurat f'ċirkostanzi bħal dawn odjerni**. Mankanti l-prova tar-riskji assigurati u l-kundizzjonijiet tal-polza, il-Qorti tqis li l-assiguratur naqas milli jressaq prova biżżejjed li fil-

kwadru ta' fatti li joħroġ mill-provi proċesswali, kien skatta l-obbligu kuntrattwali tiegħu taħt il-polza li jindenniza lill-assigurat għaliex avvera ruħu xi riskju assigurat taħt il-polza.

Għandu jingħad ukoll illi għalkemm l-assiguratur kien jaf ukoll fiż-żmien meta ħallas lill-assigurat is-somma ta' €10,500 biex jindennizzah għal "*theft by mother Rita Vella, sister Janica Borg and sister's husband Carmelo Borg*", li kien hemm proċeduri kriminali pendenti (ara Dok. 10) fil-konfront tal-imsemmija persuni, ma jirriżultax illi ħa ħsieb jinforma ruħu b'iktar preċiżjoni dwar ir-reati li l-istess Rita Vella kienet ġiet mixlija dwarhom in konnessjoni man-nuqqas tal-oġġetti in diżamina, u lanqas dehrlu li kellu jistenna l-eżitu tal-proċeduri qabel jindennizza lill-assigurat. Il-Qorti tistenna illi l-assigurat prudenti kellu wkoll jinforma ruħu bl-eżitu tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' min ivvanta jeddijiet fuq l-oġġetti assigurati, għaliex kieku għamel dan, kien ikun jaf li l-oġġetti ma ġewx misruqa - kuntrarjament għal dak li kien irrapporta l-assigurat tagħhom – u li l-konvenuti kienu qed jivvantaw jedd fuq l-istess oġġetti. Kemm hu hekk, ir-reat taħt l-artikolu 83 tal-Kodiċi Kriminali li dwaru ġiet mixlija l-konvenuta Rita Vella[23] b'rabta man-nuqqas tal-oġġetti mir-*range*, jippresupponi li l-imħarrek jivvanta xi jedd ta' pussess jew titolu fuq l-istess oġġetti. Kristian Abela in kontro-eżami, meta ġie mistoqsi jekk l-assiguratur kienx ivverifika qabel iddeċieda li l-oġġetti ġew misruqa, jekk kienx ġie hekk deċiż fil-proċeduri ġudizzjarji li kienu pendenti fir-rigward, xehed illi "*Nafu li kien hemm każ għaddej ma kif iġifieri dak iż-żmien kien għadu ma ġiex deċiż*". Xehed ukoll li kien jaf li l-akkużi fil-proċeduri ma kienux dwar ir-reat ta' serq[24].

Fil-fatt, il-provi juru wkoll illi l-assiguratur kien mgħarraf illi l-oġġetti li l-attur Joseph Vella ġie indennizzat il-valur tagħhom, kienu diġa' eżistenti fil-fond assigurat fi żmien meta l-istess fond kien operat bħala *shooting range* minn Victor Vella, li jiġi missier l-assigurat u l-konvenuta Janica Borg, u żewġt il-konvenuta Rita Vella, l-istess persuni li skont l-assiguratur, ikkaġunaw it-telf u d-danni lill-assigurat tiegħu. Fil-fatt, Kristian Abela xehed illi l-polza tal-assigurazzjoni nħarġet għall-ewwel darba f'Jannar 2014[25] filwaqt li x-xhieda ta'

---

[23] Il-konvenuti Janica Borg u Carmelo Borg ma jirriżultax li ġew imħarrkin fi proċeduri kriminali in konnessjoni mat-teħid ta' oġġetti mir-range.
[24] Ara xhieda f'paġna 164 tal-atti tal-kawża.
[25] Dan joħroġ mix-xhieda ta' Raymond Mallia.

Raymond Mallia ma tħalli ebda dubju li l-assiguratur kien jaf illi l-mobbli assigurati kien xtrahom u kienu proprjeta' ta' Victor Vella u mhux l-assigurat Joseph Vella u li konsegwentement, omm u oħt l-assigurat seta' kellhom jedd fuq l-istess mobbli.

Fil-fehma tal-Qorti, l-assiguratur munit b'din l-informazzjoni ma setax ma jobsorx li omm u oħt l-assigurat seta' kellhom titolu fuq l-oġġetti in diżamina u li għalhekk ma kienux serqu l-mobbli assigurati.

L-abbli avukat tal-assiguratur argomenta waqt it-trattazzjoni illi ma kienetx waħda mill-kondizzjonijiet tal-obbligu ta' indennizz taħt il-kuntratt tal-assigurazzjoni li jintwera li l-oġġetti assigurati jkunu jappartjenu esklussivament lill-assigurat. Iżda billi l-kuntratt tal-assigurazzjoni ma ġiex prodotti fl-atti proċesswali, il-Qorti ma tistax teskludi serenament li l-obbligu tal-indennizz ma kellux jiskatta f'każ li jintwera li l-assigurat m'huwiex is-sid tal-oġġetti assigurati, u fejn it-telf tal-oġġetti ikun dovut għall-eżerċizzju ta' jeddijiet pretiżi minn min ikollu titolu ta' proprjeta' fuq l-istess oġġetti. Dak li hu żgur hu illi fiċ-ċirkostanzi, l-assigurat ġie indennizzat għall-mobbli "misruqa" mingħajr ma ttieħed qies tal-konsiderazzjoni ovvja illi dawn il-mobbli ma kienux effettivament misruqa iżda kienu ttieħdu minn persuni li huma wkoll flimkien mal-assigurat, komproprjetarji li għandhom sehem minn u dritt ta' użu tal-istess mobbli.

Kemm hu hekk, abbażi tal-provi li għandha quddiemha u fin-nuqqas tal-prova tal-polza tal-assigurazzjoni nnifisha (nuqqas li għandu jbatiha l-assiguratur innifsu), ma jistax jiġi stabbilit konklussivament illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-assiguratur kien obbligat li jindennizza lill-assigurat. Dan qed jingħad għaliex huwa eskluż anke mill-fatti li kellu a dispożizzjoni tiegħu u kien mgħarraf bihom l-istess assiguratur fiż-żmien li sar il-*claim,* li l-oġġetti kienu nsterqu jew intilfu, u iktar minn hekk, kien magħruf lill-assiguratur li dawn l-oġġetti kienu fil-pussess ta' membri tal-familja tal-assigurat li kellhom il-pussess taċ-ċwievet tar-*range* u aċċess għall-istess oġġetti u kienu wkoll il-komproprjetarji tal-oġġetti assigurati. Barra dan kollu l-fatt li l-assiguratur jidher li warrab għal kollox ukoll il-prospett illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-

każ fejn kien hemm proċeduri kriminali pendenti fir-rigward tat-teħid tal-pussess tal-mobbli assigurati, l-assigurat seta' jiġi reintegrat fil-pussess tal-oġġetti. Tabilħaqq uħud minn dawn l-oġġetti tqiegħdu lura f'posthom fir-*range* fit-28 ta' Mejju 2022, ftit wara d-deċiżjoni fil-proċeduri kriminali msemmija fil-*Form of Acceptance and Discharge*, bil-konsegwenza illi l-attur Joseph Vella spiċċa ġie indennizzat għat-telf ta' oġġetti li llum għandu aċċess għalihom u jinsabu fil-pussess tiegħu bħala komproprjetarju tagħhom, kif del resto ġie affermat minnu stess.

Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssibha ftit jew wisq diffiċli tifhem kif l-assiguratur ħallas lill-assigurat is-somma ta' €10,500 in linea ta' indennizz. Fl-aħjar ipotesi għall-assiguratur, il-Qorti tqis illi huwa mexa b'wisq għaġla meta għażel li jipproċedi bl-indennizz minħabba telf ikkaġunat minn serq, mingħajr ma indaga sew dwar iċ-ċirkostanzi wara t-telf tal-oġġetti u mingħajr ma stenna l-eżitu tal-proċeduri kriminali li kienu pendenti u ġew deċiżi fil-mori tal-kawża odjerna, fl-10 ta' Mejju 2022. Għandu jingħad illi l-konvenuta Rita Vella ġiet liberata mill-akkuża li ħadet il-liġi b'idejha a skapitu ta' binha Joseph Vella meta neħħiet l-oġġetti in diżamina mill-fond assigurat, għaliex intwera illi Joseph Vella ma kellux il-pussess materjali ta' dawn l-oġġetti.

Illi b'żieda ma' dan kollu, għandu jingħad ukoll illi kieku l-assiguratur għamel stħarriġ bażiku qabel indennizza lill-assigurat, inkluz billi segwa l-proċeduri kriminali li kien jaf li kienu pendenti fir-rigward tal-ispostament tal-mobbli assigurati ġewwa r-*Range*, kien isir jaf ukoll illi effettivament, ir-*Range* ma baqax jopera wara l-2016 tant illi minn dak iż-żmien 'l hawn, l-assigurat la kellu aċċess għar-*Range* u lanqas il-pussess materjali ta' bosta mill-oġġetti allegatament misruqa, kif ġie del resto stabbilit fis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2022 mogħtija fl-imsemmija proċeduri kriminali fejn il-konvenuta Rita Vella ġiet liberata mill-akkuża dwar ir-reat ta' ragion fattasi.

Hawnhekk, abbażi tal-fatti li għandha quddiemha il-Qorti tqis li tinsorġi wkoll il-kwistjoni jekk l-assigurat kienx żvela lill-assiguratur il-fatti kollha jew il-fatti korretti dwar il-pozizzjoni legali tiegħu fir-rigward il-jeddijiet tiegħu fuq ix-shooting *range* u l-kontenut assigurat.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru 2003[26], ġie ritenut:

"*Bhal kull kuntratt iehor, imbaghad, sostrat baziku tieghu mhuwiex biss is-semplici bona fidi stabbilita fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili daqskemm il-massima bona fidi ("uberrimae fidei"). Dan mhux biss fil-kors tat-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza mahruga izda wkoll matul l-ezekuzzjoni tieghu;*

*Kif drabi ohra espress "hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f' kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il- "history" taghha bhala s-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b' xi mod tinfluwenza id-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu, jkollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' uberrimae fidei u l-kontraenti ghandhom ikunu fil-massima buona fede meta jiffirmawh" – "***David Curmi nomine –vs- Martin Mifsud***", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 1992;*"

Ġie diversi drabi ritenut ukoll in materja illi meta jiġi ravviżat vjolazzjoni tar-regola tad-*disclosure* u jew misrappreżentazzjoni da parti tal-assigurat fuq il-*proposal form* jew fi kwalsiasi żmien matul il-validita' tal-kuntratt, dan igib l-annullament *ex tunc* tal-kuntratt jew dik tar-*repudiation,* ossia reċess *ex nunc*.

Minn eżami tar-rapporti li saru lill-Pulizija mill-attur Joseph Vella in konnessjoni mal-għajbien ta' diversi għodda u oġġetti oħrajn minn ġewwa r-*Range*, senjatament r-rapport li sar fl-24 ta' Diċembru 2018, jirriżulta illi l-istess Joseph Vella ippreżenta ruħu bħala s-sid tal-istess *shooting range*[27]. Fil-fatt, fir-Rikors promotur tal-kawża ġie premess bħala l-kawżali tat-talba għall-ħlas tad-danni, illi l-oġġetti assigurati taħt il-polza tal-assigurazzjoni insterqu "***mill-proprjeta' tal-attur*** *Joseph Vella u ċioe' mill-fond Armier Shooting Range fl-*

[26] **Mario Mizzi noe et v. Mario Grech et nomine**.
[27] Rapport tal-okkorrenza NPS/9/V/6139/2018.

*inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa...*"[28] Dan m'huwiex korrett u kif diġa' ġie stabbilit iktar qabel, l-assigurat Joseph Vella m'huwiex is-sid u lanqas il-kerrej tal-art u l-ambjenti tar-*Range*.

Jirriżulta wkoll mir-rapport li sar minn Joseph Vella lill-Pulizija fl-24 ta' Diċembru 2018, liema rapport kien ingħata kopja tiegħu lil Laferla Insurance Agency Limited meta sar il-*claim*, jirriżulta li l-istess Joseph Vella kien iddikjara wkoll li l-aħħar li kien daħal ġewwa x-shooting *range* kien ħmistax qabel – meta mill-atti jirriżulta li huwa ngħata aċċess għall-ambjenti tar-*range* fejn kieni miżmuma l-oġġetti li ġew rapportati nieqsa fl-24 ta' Diċembru 2018, biss il-ġurnata ta' qabel, fit-23 ta' Diċembru 2018, u dan meta ngħata kopja taċ-ċwievet kollha tal-ambjenti tar-*Range*.

Il-Qorti fehmet ukoll illi filwaqt li Joseph Vella tassew kellu interess assigurabbli fiż-żmien tal-ħruġ tal-polza tal-assigurazzjoni għaliex dak iż-żmien, fl-2014, jista' jkun li kien jgħin lil missieru fil-ġestjoni tar-*Range*, madankollu, wara l-mewt ta' missieru, ma jirriżulax illi huwa għarraf lill-assiguraturi bil-fatt illi r-*Range* ma baqax jopera, bil-fatt li ma kienx għad kellu aċċess għall-ambjenti u l-istrutturi tal-fond li minnhom ġew neqsin uħud l-oġġetti li dwarhom ġie indennizzat il-valur tagħhom, u bil-fatt li ma kellux lanqas il-pussess ta' parti mill-kontenut assigurat, inkluż uħud mill-oġġetti allegatament misruqa. Ma jirriżultax lanqas illi għarraf lill-assiguratur illi ommu u oħtu kienu komproprjetarji tal-mobbli allegatament misruqa minnhom.

**Issa jekk l-assiguratur ħallas lill-assigurat Joseph Vella abbażi tal-informazzjoni ħażina u jew mhux kompluta provduta minnu għall-fini tal-*claim*, jew għaliex ma ħax il-miżuri raġjonevolment meħtieġa biex isir jaf illi l-mobbli ma kienux tassew insterqu u li kien hemm prospett rejali li l-assigurat jerġa' jiġi reintegrat fil-pussess tagħhom, huwa immaterjali, għaliex fi kwalsiasi każ li jkun, ma ġiex ippruvat u l-Qorti m'hijiex sodisfatta li skatta l-event dannuż assigurat taħt il-polza bħala "serq" u li konsegwentement, l-assiguratur kien obbligat jindennizza lill-assigurat għat-telf tal-mobbli assigurati minħabba serq.**

[28] Enfasi tal-Qorti.

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li stabbilit illi l-assiguratur ma ppruvax kif imiss li skatta xi obbligu li jindennizza lill-assigurat taħt il-polza ta' assigurazzjoni, għal telf li skont l-istess assiguratur kien imġarrab minn "serq" tal-mobbli assigurati, ma kienx ġustifikat jindennizza lill-assigurat taħt il-polza. Hija għalhekk tajba u fondata l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi ma kien seħħ ebda telf li seta' jagħti lok għall-ħlas tad-danni.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi anke jekk, għal mument, wieħed kellu jaċċetta li skatta l-obbligu tal-indennizz taħt il-polza għaliex l-assigurat sofra "it-telf" tal-oġġetti assigurati, jirriżulta wkoll fi kwalsiasi każ illi r-riżarċiment lill-assigurat tal-valur sħiħ tal-mobbli f'dawn iċ-ċirkostanzi, sarraf fi profitt ekonomiku għalih, a skapitu tal-komproprjetarji l-oħrajn tal-oġġetti assigurati. Safejn ir-riżarċiment kien jiżboq il-valur tat-telf ekonomiku reali lill-patrimonju tal-assigurat, għaliex dan jirrappreżenta qligħ li m'huwiex irkuprabbli mingħand id-danneġġjant f'azzjoni ta' rivalsa b'surroga fid-drittijiet tal-assigurat; dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali enunċjati iktar qabel.

Jekk, min-naħa l-oħra, l-assiguratur minkejja dan kollu, għażel volontarjament li jirriżarċixxi l-patrimonju tal-assigurat għall-konsegwenzi ta' riskju li ma kienx effettivament avvera ruħu, billi ħallsu l-valur sħiħ ta' mobbli li dwarhom il-persuni li ħaduhom setgħu kellhom sehem ta' proprjeta', mingħajr ma għamel stħarriġ bażiku dwar il-pożizzjoni legali tad-danneġġjat u d-danneġġjanti magħrufa, għandu jerfa' l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tiegħu. Dak li hu żgur hu li ma jistax jirkupra b'surroga fil-jeddijiet tal-assigurat, dak li ma kien qatt dovut lill-assigurat in linea ta' riżarċiment ta' xi telf ekonomiku.

Kemm hu hekk, kif rajna, il-maġġor parti tal-oġġetti ġew effettivament ritornati lura fir-*Range* u kwindi fil-pussess tal-assigurat, wara li l-assigurat irċieva l-ħlas tal-valur tal-istess oġġetti.

**Għal dawn il-motivi kollha, qiegħda taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tal-attur Joseph Vella u fir-rigward tas-soċjeta' attriċi Laferla Insurance Agency Limited, tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuti safejn dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta' Mapfre Middlesea p.l.c, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-atturi kollha *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**